Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fis-6 ta’ Ottubru 2021 [1]

**Kawża C-451/20**

**Airhelp Limited**
**vs**
**Austrian Airlines AG**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta’ Korneuburg, l-Awstrija))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Kumpens tal-passiġġieri f’każ ta’ kanċellazzjoni jew dewmien twil ta’ titjira – Riżervazzjoni waħda ma’ trasportatur tal-ajru Komunitarju – Rotta tal-ajru komposta minn żewġ titjiriet bil-post tat-tluq inizjali u d-destinazzjoni finali jinsabu f’pajjiż terz – Post tal-wasla tal-ewwel titjira u post tat-tluq tat-tieni titjira li jkunu jinsabu fit-territorju ta’ Stat Membru – Artikolu 3(1)(a) u (b) – Kamp ta’ applikazzjoni – Artikolu 5(1)(ċ) – Offerta ta’ rotta differenti – Titjira b’rotta differenti ttardjata – Ħin tal-wasla effettiv fid-destinazzjoni finali – Obbligi tat-trasportatur tal-ajru li jopera – Artikolu 7(1) – Dritt għall-kumpens”

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta’ diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 fil-qasam tal-kumpens tal-passiġġieri tal-ajru [2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ tilwima bejn il-kumpannija Airhelp Ltd (Hong Kong), aventi kawża ta’ passiġġier, u l-kumpannija tal-ajru Austrian Airlines AG (l-Awstrija) dwar talba għal kumpens għal titjira kkanċellata, minħabba li t-titjira b’rotta differenti offruta minn din il-kumpannija tal-ajru ma ppermettietx lill-passiġġier ikkonċernat jilħaq id-destinazzjoni finali tiegħu fi żmien sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat tat-titjira kkanċellata.

3. Il-kawża prinċipali hija l-okkażjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 261/2004 għal titjira li sew it-tluq kif ukoll id-destinazzjoni finali tagħha huma f’pajjiż terz iżda b’konnessjoni fi Stat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tiddetermina jekk il-kumpens previst minn dan ir-regolament għal żewġ titjiriet li għandhom lil

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta’ kanċellazzjoni jew dewmien twil ta’ titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

Stat Membru bħala punt ta' tluq jew ta' wasla, fil-kuntest ta' żewġ riżervazzjonijiet separati, jestendix għar-rotta tal-ajru kollha kemm hi meta dawn iż-żewġ titjiriet ikunu rriżervati permezz ta' riżervazzjoni waħda.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna wkoll tippreċiża l-kunċett ta' "ħin tal-wasla effettiv", f'dak li jirrigwarda l-obbligi tat-trasportatur tal-ajru li jopera fil-kuntest ta' offerta ta' rotta differenti, kif ukoll tiddetermina jekk dan it-trasportatur huwiex responsabbli mit-titjira b'rotta differenti operata minn trasportatur tal-ajru ieħor b'tali mod li dewmien eventwali li jaffettwa din it-titjira għandu jkun imputabbli lil dan l-ewwel trasportatur.

5. Fi tmiem l-analiżi tiegħi, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għal dawn id-domandi fis-sens li r-Regolament Nru 261/2004 huwa applikabbli għal sitwazzjoni li fiha żewġ titjiriet li jkunu s-suġġett ta' riżervazzjoni waħda huma koperti b'mod separat minn dan ir-regolament u li t-trasportatur tal-ajru li jopera u li kkonkluda l-kuntratt ta' trasport mal-passiġġier jista' biss jeżenta ruħu mill-obbligu tiegħu ta' kumpens jekk ikun offrielu rotta differenti li tippermettilu jasal effettivament fid-destinazzjoni finali tiegħu fi żmien sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat tat-titjira kkanċellata.

## II. Id-dritt tal-Unjoni

6. Il-premessi 1, 2, 6, 12 u 13 tar-Regolament Nru 261/2004 jipprevedu:

"(1) Azzjoni mil-[Unjoni] fil-qasam ta' [trasport] permezz ta' l-ajru għandha jkollha l-iskop, fost affarijiet oħrajn, li tassigura livell [għoli] ta' protezzjoni għall-passiġġieri. 'Il fuq minn dan, konsiderazzjoni sħiħa għandha tiġi meħuda tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali.

(2) Il-fatt li ma jitħallewx jitilgħu u l-kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet jistgħu jikkawżaw problemi serji u inkonvenjenza għall-passiġġieri.

[…]

(6) Il-protezzjoni mogħtija lill-passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinstab fi Stat Membru għandha tiġi estiża għal dawk li jitilqu minn ajruport li jinstab f'pajjiż terz għal wieħed li jinstab fi Stat Membru, meta mezz tal-ġarr Komunitarju jopera t-titjira.

[…]

(12) Il-problemi u l-inkonvenjenza għal passiġġieri kkawżati minn kanċellazzjoni ta' titjiriet għandhom ukoll jiġu mnaqqsin. Dan għandu jiġi miksub permezz tat-tħeġġiġ tal-trasportaturi biex jinfurmaw lill-passiġġieri b'kanċellazzjonijiet qabel il-ħin skedat tat-tluq u minn barra dan biex joffrulhom arranġament għall-vjaġġ [raġonevoli], sabiex il-[passiġġieri] jistgħu jagħmlu arranġamenti oħrajn. Trasportaturi ta' l-ajru għandhom jikkompensaw passiġġieri jekk jonqsu milli jagħmlu dan, ħlief għal meta l-kanċellazzjoni sseħħ f'ċirkostanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha kienu ttieħdu.

(13) Passiġġieri li t-titjiriet tagħhom huma kkanċellati għandhom jitħallew jew jiksbu rimbors tal-biljetti tagħhom jew jiksbu arranġament ieħor taħt kondizzjonijiet sodisfaċjenti, u ħsieb xieraq tagħhom għandu jiġi meħud waqt li qed jistennew titjira ta' aktar tard."

7. L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet" jgħid:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(b) 'trasportatur ta' l-ajru li jopera' ifisser trasportatur ta' l-ajru li jwettaq jew li għandu l-ħsieb li jwettaq titjira taħt kuntratt ma' passiġġier jew f'isem persuna oħra, legali jew naturali, li għandha kuntratt ma' dak il-passiġġier;

[…]

(h) 'destinazzjoni finali' ifisser id-destinazzjoni fuq il-biljett ippreżentat fil-post taċ-check-in jew, fil-każ ta' titjiriet konnessi direttament, id-destinazzjoni ta' l-aħħar titjira; titjiriet konnessi alternattivi li qegħdin għad-dispożizzjoni m'għandhomx jiġu meħudin in konsiderazzjoni jekk il-ħin oriġinali tal-wasla hu mħares;

[…]"

8. L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Skop", jipprevedi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) għal passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinstab fit-territorju ta' Stat Membru għal liema japplika t-Trattat;

(b) għal passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinstab f'pajjiż terz għal ajruport li jinstab fit-territorju ta' Stat [Membru] għal liema japplika t-Trattat, kemm-il darba rċievu [sakemm ma jkunux irċevew] vantaġġi jew kumpens u ġew mogħtija assistenza f'dak il-pajjiż terz, jekk il-trasportatur ta' l-ajru li qed jopera tat-titjira in kwistjoni hu trasportatur Komunitarju.

[…]

5. Dan ir-Regolament għandu japplika għal kwalunkwe trasportatur ta' l-ajru li jopera li jipprovdi trasport għall-passiġġieri koperti mil-paragrafi 1 u 2. Fejn trasportatur ta' l-ajru li jopera li m'għandu l-ebda kuntratt mal-passiġġier iwettaq obbligazzjonijiet taħt dan ir-Regolament, għandu jiġi meqjus li qed jagħmel dan f'isem il-persuna li għandha kuntratt ma' dak il-passiġġier."

9. L-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tal-istess regolament, intitolat "Kanċellazzjoni", jiddikjara:

"1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom:

[…]

(ċ) jkollhom id-dritt għal kumpens mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 7, kemm-il darba [sakemm]:

[…]

(iii) huma [ma jkunux] informati bil-kanċellazzjoni inqas minn sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat."

10. L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004, intitolat "Dritt għall-kumpens", jipprevedi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jirċievu kumpens li jammonta għal:

(a) EUR 250 għat-titjiriet kollha ta' 1500 kilometru jew inqas;

(b) EUR 400 għat-titjiriet intra-Komunitarji kollha ta' aktar minn 1500 kilometru, u għat-titjiriet oħrajn kollha bejn 1500 u 3500 [kilometru];

(ċ) EUR 600 għat-titjiriet kollha li ma [jaqgħux] taħt (a) jew (b).

Fid-determinazzjoni tad-distanza, il-bażi għandha tkun l-aħħar destinazzjoni ġo liema l-fatt li l-persuna ma tħallietx titla' jew il-kanċellazzjoni ser iddewwem il-wasla tal-passiġġier wara l-ħin skedat.

2. Meta passiġġieri huma offruti [possibbiltá] oħra biex jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom fuq titjira alternattiva skond l-Artikolu 8, il-ħin tal-wasla ta' liema ma taqbiżx il-ħin tal-wasla skedat tat-titjira rreġistrata oriġinarjament

[…]

(ċ) b'erba' sigħat, fir-rigward tat-titjiriet kollha li ma [jaqgħux] taħt (a) jew (b),

il-trasportatur ta' l-ajru li jopera jista' jnaqqas il-kumpens previst fil-paragrafu 1 bi 50 %."

11. L-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dritt għar-rimbors jew rotta differenti" jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jiġu offruti l-għażla bejn:

[…]

(b) rotta differenti, taħt kondizzjonijiet tat-trasport paragunabbli, għad-destinazzjoni finali tagħhom ma' l-ewwel opportunitá […]"

12. L-Artikolu 13 tal-istess regolament, intitolat "Dritt għal rimedju", jipprevedi:

"F'każijiet fejn trasportatur ta' l-ajru li jopera jħallas kumpens jew jilħaq l-obbligazzjonijiet oħra li għandu d-dmir iwettaq taħt dan ir-Regolament, l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma jista' jiġi interpretat li jirrestrinġi d-dritt tiegħu li jfittex kumpens minn kwalunkwe persuna, inklużi partijiet terzi, skond il-liġi applikabbli. Partikolarment, dan ir-Regolament m'għandu bl-ebda mod jirrestrinġi d-dritt tal-trasportatur ta' l-ajru li jopera biex ifittex rimbors minn

operatur tat-tour jew persuna oħra ma' liema l-trasportatur ta' l-ajru li jopera għandu kuntratt. […]"

## III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Passiġġier kien kiseb riżervazzjoni kkonfermata għal rotta tal-ajru li kellha tiġi operata mit-trasportatur tal-ajru Komunitarju Austrian Airlines bejn Chisinau (il-Moldova) u Bangkok (it-Tajlandja) u li kienet tinvolvi żewġ titjiriet suċċessivi, skedati għad-29 ta' Mejju 2019: l-ewwel titjira kienet minn Chisinau (il-Moldova) għal Vjenna (l-Awstrija) u t-tieni titjira, li t-tluq tagħha kien previst diversi sigħat wara l-wasla tal-ewwel titjira, kienet minn Vjenna (l-Awstrija) għal Bangkok (it-Tajlandja), u kellha tasal fid-destinazzjoni tagħha fit-30 ta' Mejju 2019 fis-14.20.

14. It-titjira minn Chisinau għal Vjenna ġiet ikkanċellata inqas minn sebat ijiem qabel it-tluq previst. Austrian Airlines biddlet ir-riżervazzjoni tal-passiġġier billi ttrasferietu fuq titjira b'rotta differenti minn Istanbul (it-Turkija) għal Bangkok (it-Tajlandja), bil-wasla wkoll prevista għat-30 ta' Mejju 2019, iżda fit-15.00[3]. It-titjira b'rotta differenti kellha għalhekk tittardja b'40 minuta biss mill-ħin tal-wasla skedat tat-titjira rriżervata inizjalment. Madankollu, din it-titjira b'rotta differenti waslet Bangkok fil-16.47, jiġifieri b'dewmien ta' sagħtejn u 27 minuta mill-ħin tal-wasla skedat tat-titjira rriżervata inizjalment.

15. Airhelp, li lilha l-passiġġier ikkonċernat ittrasferixxa d-dritt għal kumpens li kellu skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004, qed titlob kumpens ta' EUR 300 billi sostniet li Austrian Airlines ma offrietx lill-passiġġier rotta differenti li ppermettietlu jasal fid-destinazzjoni finali tiegħu, Bangkok, fi żmien sagħtejn mill-wasla prevista inizjalment. Dan l-ammont jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li Austrian Airlines għandha d-dritt, skont Airhelp, li tinvoka tnaqqis tal-ammont tal-kumpens skont l-Artikolu 7(2)(ċ) ta' dan ir-regolament, peress li l-passiġġier wasal fid-destinazzjoni finali tiegħu f'terminu li ma jeċċedix erba' sigħat wara l-ħin previst inizjalment. Madankollu, Austrian Airlines qed tikkontesta din it-talba billi ssostni li l-passiġġier ma għandux dritt għal dan il-kumpens peress li l-ħin tal-wasla skedat tat-titjira b'rotta differenti kien it-15.00 u, għaldaqstant, li d-dewmien kien biss ta' 40 minuta meta mqabbel mal-ħin tal-wasla skedat tat-titjira rriżervata inizjalment, jiġifieri s-14.20.

16. Il-qorti adita fl-ewwel istanza, il-Bezirksgericht Schwechat (il-Qorti Distrettwali ta' Schwechat, l-Awstrija), laqgħet it-talba, billi kkonstatat li mill-formulazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004 jirriżulta li, fil-kuntest tal-kalkolu ta' dewmien ta' titjira, kellu jsir paragun bejn il-ħin tal-wasla skedat tat-titjira inizjali u l-ħin li fih it-titjira b'rotta differenti kienet effettivament waslet fid-destinazzjoni finali. Minn dan, din il-qorti ddeduċiet li trasportatur tal-ajru huwa eżentat mill-ħlas tal-kumpens biss jekk, fil-fatt, il-passiġġier jilħaq id-destinazzjoni finali tiegħu bit-titjira b'rotta differenti mhux iktar tard minn sagħtejn wara l-ħin previst inizjalment.

17. Din l-istess qorti nnotat li, f'dan il-każ, kien previst li l-passiġġier jinżel f'Bangkok fis-14.20 bit-titjira prevista inizjalment, iżda li, fil-fatt, huwa kien wasal fid-destinazzjoni finali tiegħu bit-titjira b'rotta differenti biss fil-16.47, jiġifieri sagħtejn u 27 minuta wara. Hija kkonkludiet li

3 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat b'liema mod u lanqas f'liema ħin il-passiġġier ġie ttrasportat minn Chisinau għal Istanbul.

t-talba għal kumpens għal ammont imnaqqas b'50 % hija fondata mingħajr, madankollu, ma ttrattat il-kwistjoni dwar jekk il-fatti tal-każ kinux tabilħaqq jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 261/2004.

18. Austrian Airlines appellat mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg, l-Awstrija).

19. Din il-qorti tosserva li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jidher li jirriżulta li l-waqfa fit-territorju tal-Unjoni ma għandhiex effett li tirrendi r-Regolament Nru 261/2004 applikabbli għat-titjiriet li kienu suġġetti għal riżervazzjoni waħda u li ma għandhomx il-post tat-tluq inizjali tagħhom jew il-post ta' destinazzjoni finali tagħhom fit-territorju tal-Unjoni. Kieku dan kien il-każ, hija tqis li dan ir-regolament ma japplikax għat-titjira rriżervata inizjalment minn Chisinau (il-Moldova) għal Bangkok (it-Tajlandja) li tgħaddi minn Vjenna (l-Awstrija), peress li l-post ta' tluq inizjali u l-post ta' destinazzjoni finali jinsabu f'pajjiż terz. Madankollu, hija tistaqsi jekk tali riżultat ikunx konformi mal-għan tal-imsemmi regolament li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-passiġġieri, filwaqt li tenfasizza li kieku ż-żewġ titjiriet ma kinux suġġetti għal riżervazzjoni waħda, kull waħda minnhom tkun taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-istess regolament, konformement mal-formulazzjoni tal-Artikolu 3(1) tiegħu.

20. Din il-qorti tosserva sussegwentement li, fil-każ li r-Regolament Nru 261/2004 jkun applikabbli, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) ta' dan ir-regolament għandux jiġi interpretat fis-sens li l-limiti *ratione temporis* li huwa jistabbilixxi għandhom ikunu bbażati fuq il-ħinijiet *skedati* tat-tluq u tal-wasla jew fuq il-ħinijiet *effettivi* tat-tluq u tal-wasla tat-titjira b'rotta differenti. Hija tenfasizza li, fil-kawża prinċipali, id-dritt għal kumpens jiddependi, fil-fatt, mir-risposta għall-kwistjoni dwar jekk għandux jiġi pparagunat il-ħin tal-wasla skedat fid-destinazzjoni finali mal-ħin tal-wasla *skedat* tat-titjira b'rotta differenti (sitwazzjoni li ma tagħtix dritt għal kumpens, peress li d-dewmien huwa ta' inqas minn sagħtejn) jew pjuttost mal-ħin *effettiv* tal-wasla tat-titjira b'rotta differenti (sitwazzjoni li tagħti dritt għal kumpens, peress li d-dewmien huwa ta' iktar minn sagħtejn).

21. Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-kliem tal-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004 ma jagħti ebda risposta. Hija tistaqsi jekk il-formulazzjoni "huma offruti" imsemmija f'din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li t-trasportatur tal-ajru huwa sempliċement marbut li joffri rotta differenti lill-passiġġier, mingħajr ma jkun obbligat li jiżgura li t-titjira tasal fil-ħin skedat jew f'ċertu perijodu ta' żmien meta mqabbel ma' dak il-ħin, b'tali mod li dewmien eventwali tat-titjira b'rotta differenti operata minn trasportatur ieħor ma għandhiex tkun imputabbli lilu.

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 3(1) tar-[Regolament Nru 261/2004] għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ir-regolament japplika wkoll għal rotta tal-ajru li ġiet irreżervata b'reżervazzjoni waħda u li hija komposta minn żewġ titjiriet li kellhom it-tnejn isiru minn (l-istess) trasportatur tal-ajru Komunitarju, meta kemm il-post tat-tluq tal-ewwel titjira u kif ukoll il-post tal-wasla tat-tieni titjira jinsabu f'pajjiż terz u huma biss il-post tal-wasla tal-ewwel titjira u l-post tat-tluq tat-tieni titjira li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru?

Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

2) L-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-[Regolament Nru 261/2004] għandu jiġi interpretat fis-sens li passiġġier għandu wkoll dritt għal kumpens skont l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament meta, bit-titjira alternattiva offruta lilu, il-ħin tal-wasla tiegħu fid-destinazzjoni finali kellu jkun inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla prevista għat-titjira kkanċellata, iżda, fil-fatt, huwa ma wasalx fid-destinazzjoni tiegħu f'dan il-ħin?"

23. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Settembru 2020. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern Awstrijak u dak Daniż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Ma saritx seduta għas-sottomissjonijiet orali iżda l-partijiet u l-persuni kkonċernati, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Daniż, wieġbu bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2021.

## IV. Analiżi

### *A. Fuq l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 261/2004 għal rotta tal-ajru bit-tluq inizjali minn pajjiż terz u b'destinazzjoni finali f'pajjiż terz iżda li tinvolvi żewġ titjiriet b'punt tat-tluq jew punt ta' wasla fi Stat Membru (l-ewwel domanda preliminari)*

24. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-Regolament Nru 261/2004 japplikax għal rotta tal-ajru operata minn trasportatur tal-ajru Komunitarju u komposta minn żewġ titjiriet li kienu s-suġġett ta' riżervazzjoni waħda, meta l-postijiet tat-tluq inizjali u tad-destinazzjoni finali jinsabu f'pajjiż terz, f'dan il-każ il-Moldova u t-Tajlandja, u l-post tal-wasla tal-ewwel titjira u l-post tat-tluq tat-tieni titjira jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru.

25. Nikkonstata, qabel kollox, li l-ewwel titjira, Chisinau – Vjenna, operata minn trasportatur tal-ajru Komunitarju bi tluq minn pajjiż terz (il-Moldova) u b'destinazzjoni fi Stat Membru (l-Awstrija), taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004 bis-saħħa tal-Artikolu 3(1)(b) [4] tiegħu, filwaqt li t-tieni titjira, Vjenna – Bangkok, li telqet minn Stat Membru (l-Awstrija) b'destinazzjoni f'pajjiż terz (it-Tajlandja) ukoll taqa' taħt dan ir-regolament konformement mal-Artikolu 3(1)(a) tiegħu.

26. Għalkemm kull waħda minn dawn iż-żewġ titjiriet, meħuda separatament, hija koperta mir-Regolament Nru 261/2004, il-fatt li huma kienu suġġetti għal riżervazzjoni waħda b'postijiet ta' tluq inizjali u ta' destinazzjoni finali li jinsabu f'pajjiżi terzi għandu l-effett li jirrendi dan ir-regolament inapplikabbli?

27. Filwaqt li Austrian Airlines u l-Gvern Daniż iqisu li din id-domanda għandha tingħata risposta fl-affermattiv għar-raġuni li dan ir-regolament ma japplikax għal rotta tal-ajru li tgħaqqad pajjiż terz ma' pajjiż terz ieħor, Airhelp, il-Gvern Awstrijak kif ukoll il-Kummissjoni huma tal-fehma kuntrarja.

4 Fid-dawl tal-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja, inqis li l-kundizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni li l-passiġġier ikkonċernat ma bbenefikax minn vantaġġi, minn kumpens jew minn assistenza fil-pajjiż terz, hija ssodisfatta, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

28. Fl-analiżi li ġejja, nispjega r-raġunijiet li għalihom jiena naqbel mal-opinjoni ta' dawn tal-aħħar.

29. *L-ewwel*, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 261/2004, moqri flimkien mal-premessa 6 ta' dan ir-regolament, ma jirriżultax li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan tal-aħħar għandu jiddependi mill-postijiet tat-tluq inizjali u tad-destinazzjoni finali fir-rigward ta' rotta tal-ajru komposta minn żewġ titjiriet jew iktar.

30. Fil-fatt, l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 261/2004 ma jispeċifikax li t-termini "minn ajruport li jinstab fit-territorju ta' Stat Membru" imsemmija fil-punt (a) tiegħu jirreferu għall-post tat-tluq *inizjali* tal-passiġġier u lanqas li t-termini "ajruport li jinstab fit-territorju ta' Stat [Membru]" imsemmija fil-punt (b) tiegħu jirreferu għall-post tad-destinazzjoni *finali* tiegħu [5].

31. Barra minn hekk, l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 261/2004 ma tidhirx li tiddependi mill-kunċetti ta' "tluq inizjali" u ta' "destinazzjoni finali". Għall-kuntrarju din hija marbuta mal-eżistenza ta' titjira li jew titlaq minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru jew titlaq minn ajruport li jinsab f'pajjiż terz lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, dment li t-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira inkwistjoni jkun trasportatur Komunitarju [6]. Għaldaqstant, il-kunċett ta' "titjira" kif ġie interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja [7], jiġifieri operazzjoni ta' trasport bl-ajru, li tifforma "unità", u mwettqa minn trasportatur tal-ajru li jistabbilixxi r-rotta tiegħu [8], huwa rilevanti. Fil-fehma tiegħi, mit-terminu "unità" jirriżulta b'mod partikolari li titjira tista' titqies bħala operazzjoni ta' trasport bl-ajru bejn żewġ ajruporti [9].

32. Peress li l-post ta' destinazzjoni tal-ewwel titjira jinsab fit-territorju ta' Stat Membru u jikkorrispondi għall-post tat-tluq tat-tieni titjira, fil-fehma tiegħi, mit-termini stess tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 261/2004, jirriżulta li dan il-post jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-applikabbiltà ta' dan ir-regolament.

33. *It-tieni*, bħall-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni, inqis li kunsiderazzjonijiet ta' ugwaljanza fit-trattament jimmilitaw favur l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004 għal rotta tal-ajru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tinkludi żewġ titjiriet, indipendentement mill-mod ta' riżervazzjoni użat.

34. Nenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004 ikopri titjiriet li għandhom ċerta rabta mat-territorju tal-Unjoni, jiġifieri li għandhom jew bħala punt tat-tluq (l-Artikolu 3(1)(a)) jew bħala destinazzjoni (l-Artikolu 3(1)(b)) ajruport li jinsab

5 Peress li l-kunċett ta' "destinazzjoni finali" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(h) tar-Regolament Nru 261/2004, fil-kuntest ta' titjira b'konnessjoni, bħala d-destinazzjoni tal-aħħar titjira, il-leġiżlatur seta' jirreferi għal dan il-kunċett fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament.

6 Ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Emirates Airlines (C-173/07, EU:C:2008:400, punt 30).

7 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2008, Emirates Airlines, (C-173/07, EU:C:2008:400, punt 40); tat-22 ta' Ġunju 2016, Mennens (C-255/15, EU:C:2016:472, punt 20); kif ukoll tat-22 ta' April 2021, Austrian Airlines (C-826/19, EU:C:2021:318, punt 34).

8 Fejn it-terminu "rotta" jindika l-vjaġġ bl-ajruplan mill-ajruport tat-tluq sal-ajruport tal-wasla (ara s-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Sousa Rodríguez *et* (C-83/10, EU:C:2011:652, punt 28)). Barra minn hekk nirrileva li l-kunċett ta' "destinazzjoni finali" ma huwiex ikkunsidrat, peress li jintużaw biss it-termini "ajruport tal-wasla".

9 Filwaqt li l-kunċett ta' "titjira" ma ġiex iddefinit fir-Regolament Nru 261/2004, il-leġiżlatur ippropona li jiddefinixxi b'mod ċar it-terminu "titjira" bħala operazzjoni ta' trasport bl-ajru bejn żewġ ajruporti fil-proposta tiegħu għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom (COM (2013) 130 final, premessa 4, kif ukoll il-punt (n) tal-Artikolu 1(1)(e)).

fit-territorju ta' Stat Membru. Meta kull waħda minn żewġ titjiriet ikollha tali rabta, il-fatt li dawn it-titjiriet ikunu nxtraw flimkien jew separatament ma għandux jaqta' din ir-rabta jew iwassal għal differenza fit-trattament bejn il-passiġġieri tal-imsemmija titjiriet.

35. Ser nispjega din il-kunsiderazzjoni billi nieħu l-eżempju ta' żewġ passiġġieri. Il-passiġġier A, bħall-passiġġier inkwistjoni fil-kawża prinċipali, irreżerva żewġ titjiriet, l-ewwel titjira, Chisinau (il-Moldova) – Vjenna (l-Awstrija), u t-tieni titjira, Vjenna (l-Awstrija) – Bangkok (it-Tajlandja), permezz ta' riżervazzjoni waħda. Il-passiġġier B, li jieħu l-istess rotta bħall-passiġġier A, irriżerva l-istess żewġ titjiriet permezz ta' żewġ riżervazzjonijiet separati. Bħala passiġġier ta' titjira li, minn naħa, titlaq minn pajjiż terz lejn Stat Membru, operata minn trasportatur Komunitarju (l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004) u, min-naħa l-oħra, li titlaq minn Stat Membru lejn pajjiż terz (l-Artikolu 3(1)(a) ta' dan ir-regolament), il-passiġġier B jibbenefika b'mod ċar mill-protezzjoni mogħtija mill-imsemmi regolament. Il-passiġġier A għandu jiġi miċħud din il-protezzjoni għas-sempliċi raġuni li huwa għamel riżervazzjoni waħda biss?

36. Filwaqt li l-passiġġieri A u B jinsabu f'sitwazzjoni oġġettivament identika bħala passiġġieri tal-istess titjiriet, ir-rifjut tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004 għall-passiġġier A jkollu l-konsegwenza li dawn il-passiġġieri jiġu ttrattati b'mod differenti sa fejn ma jibbenefikawx minn protezzjoni identika fir-rigward tal-konsegwenzi dannużi li jista' jikkawża dewmien fit-titjiriet [10].

37. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' nondiskriminazzjoni jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jkunux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jkunux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat [11].

38. Konsegwentement, passiġġieri li jġarrbu dewmien tat-titjira, bħal dawk fil-kawża prinċipali, għandhom, fil-fehma tiegħi, jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli u għalhekk ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti għar-raġuni biss li l-mod ta' riżervazzjoni użat huwa differenti.

39. *It-tielet*, l-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlatur jikkorrobora din l-analiżi.

40. Infakkar li r-Regolament Nru 261/2004 għandu l-għan li jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri.

41. Peress li kull titjira hija koperta minn dan ir-regolament u, meħuda separatament, tagħti dritt għal kumpens, fil-fehma tiegħi jkun kuntrarju għal dan l-għan ta' protezzjoni tal-passiġġieri li jitqies li dawn tal-aħħar ma jibbenefikawx minn din il-protezzjoni meta t-titjiriet ikunu s-suġġett ta' riżervazzjoni waħda.

42. Il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar reżervazzjoni waħda [12] ma tikkontradixxix din l-interpretazzjoni.

[10] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Emirates Airlines (C-173/07, EU:C:2008:400, punt 38).

[11] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA (C-344/04, EU:C:2006:10, punt 95) u tal-10 ta' Lulju 2008, Emirates Airlines (C-173/07, EU:C:2008:400, punt 39).

[12] Ara s-sentenzi tal-31 ta' Mejju 2018, Wegener (C-537/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza Wegener", EU:C:2018:361), u tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie (C-502/18, EU:C:2019:604, iktar 'il quddiem is-"sentenza České aerolinie", EU:C:2019:604); kif ukoll id-digriet tat-12 ta' Novembru 2020, KLM Royal Dutch Airlines (C-367/20, EU:C:2020:909, iktar 'il quddiem id-"digriet KLM", EU:C:2020:909).

43. Fil-fatt, din il-ġurisprudenza tirrigwarda titjiriet b'konnessjonijiet meta, kuntrarjament għall-fatti tal-kawża prinċipali, waħda mit-titjiriet, meħuda separatament, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004.

44. Dan jirriżulta, qabel kollox, mis-sentenza Wegener. Il-kawża li tat lok għal din is-sentenza kienet tirrigwarda titjira b'riżervazzjoni waħda bi tluq minn Berlin (il-Ġermanja) u għalhekk minn Stat Membru, b'Agadir (il-Marokk), li tinsab f'pajjiż terz, bħala destinazzjoni finali, b'konnessjoni f'Casablanca (il-Marokk), li tinsab f'dan l-istess pajjiż terz. Il-passiġġier kien tilef it-tieni titjira minn Casablanca għal Agadir u ġarrab dewmien ta' iktar minn 4 sigħat biex wasal fid-destinazzjoni finali tiegħu, minħabba li l-ewwel titjira mill-Ġermanja telqet tard. It-tieni titjira, minn u lejn ajruport li jinsab f'pajjiż terz ma kinitx koperta mir-Regolament Nru 261/2004.

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, billi bbażat ruħha fuq is-sentenza Folkerts [13], li d-dewmien għandu jiġi evalwat għall-finijiet ta' kumpens fir-rigward tal-ħin tal-wasla fid-destinazzjoni finali, jiġifieri, dak tal-aħħar titjira [14]. Hija ddeċidiet li mit-termini "l-aħħar titjira" jirriżulta li l-kunċett ta' "titjira b'konnessjoni" għandu jinftiehem fis-sens li jirreferi għal żewġ titjiriet jew iktar li jikkostitwixxu vjaġġ wieħed għall-finijiet tad-dritt għal kumpens tal-passiġġieri previst mir-Regolament Nru 261/2004 [15]. Fir-rigward tat-trasport b'riżervazzjoni waħda bħal dak li ta lok għas-sentenza Wegener, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan għandu jitqies, meta kkunsidrat fl-intier tiegħu, bħala titjira b'konnessjoni li taqa' taħt l-Artikolu 3(1)(a) ta' dan ir-regolament [16].

46. Nosserva li t-teħid inkunsiderazzjoni tat-titjiriet kollha fl-intier tagħhom li jitilqu minn ajruport li jinsab fi Stat Membru, f'dan il-każ il-Ġermanja, u b'destinazzjoni finali ta' ajruport li jinsab f'pajjiż terz, f'dan il-każ il-Marokk, ippermetta li jitqies li l-passiġġier kellu dritt għal kumpens filwaqt li, meħuda separatament, it-tieni titjira, minn u lejn ajruport li jinsab f'dan il-pajjiż terz, ma kinitx tagħti dritt għal kumpens. Din is-soluzzjoni kkontribwixxiet b'mod ċar biex jiġi ggarantit il-livell għoli ta' protezzjoni previst mil-leġiżlatur.

47. Sussegwentement ġiet adottata soluzzjoni analoga fis-sentenza České aerolinie u fid-digriet KLM.

48. Il-kawża li tat lok għas-sentenza České aerolinie kienet tirrigwarda titjira li telqet minn Stat Membru, b'destinazzjoni finali f'pajjiż terz, b'konnessjoni f'pajjiż terz [17]. Kienet saret riżervazzjoni waħda ma' trasportatur tal-ajru Komunitarju li kien opera l-ewwel titjira. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-passiġġier seta' jfittex lil dan it-trasportatur permezz ta' rikors għal kumpens anki jekk ma kienx hu li wettaq it-tieni titjira li kkawżat id-dewmien u li din it-titjira, meħuda separatament, ma kinitx tagħti dritt għal kumpens peress li kienet bejn żewġ pajjiżi terzi.

49. Finalment, il-kawża li tat lok għad-digriet KLM kienet tirrigwarda titjira li telqet minn pajjiż terz lejn l-Unjoni Ewropea b'konnessjoni fl-Unjoni [18]. Kienet saret riżervazzjoni waħda ma' trasportatur Komunitarju. Għalkemm l-ewwel titjira li telqet mill-pajjiż terz lejn l-Unjoni kienet operata minn trasportatur mhux Komunitarju u għalhekk ma kinitx taqa' taħt l-Artikolu 3(1)(b)

[13] Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Folkerts (C-11/11, EU:C:2013:106, punti 33 u 34).

[14] Sentenza Wegener, punti 16 u 17.

[15] Sentenza Wegener punt 18.

[16] Sentenza Wegener, punti 24 u 25.

[17] Il-postijiet tat-tluq u tal-wasla kienu dawn: tluq inizjali, Praga (ir-Repubblika Ċeka, Unjoni Ewropea); konnessjoni, Abu Dabi (l-Emirati Għarab Magħquda, pajjiż terz); destinazzjoni finali, Bangkok (it-Tajlandja, pajjiż terz).

[18] Il-postijiet tat-tluq u tal-wasla kienu dawn li ġejjin: tluq inizjali, New York (l-Istati Uniti, pajjiż terz); konnessjoni, Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi, Unjoni Ewropea) – destinazzjoni finali Hamburg (il-Ġermanja, Unjoni Ewropea).

tar-Regolament Nru 261/2004 u d-dewmien ikkonstatat fid-destinazzjoni finali kien ġie kkawżat mit-trasportatur tal-ajru ta' din l-ewwel titjira, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li tali titjiriet konnessi kellhom jiġu kkunsidrati bħala ħaġa waħda li għaliha japplika dan ir-regolament [19]. Minn dan irriżulta li l-passiġġier li sofra dewmien ta' tliet sigħat jew iktar biex wasal fid-destinazzjoni finali tiegħu seta' jfittex permezz ta' rikors għal kumpens fuq il-bażi tal-imsemmi regolament lit-trasportatur tal-ajru Komunitarju [20].

50. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din is-soluzzjoni hija ġġustifikata mill-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri sabiex jiġi ggarantit li l-passiġġieri ttrasportati jiġu kkumpensati mit-trasportatur tal-ajru li jopera li jkun ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport magħhom, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-arranġamenti magħmula minn dan tal-aħħar fir-rigward tat-twettiq tat-titjiriet li jikkostitwixxu t-titjira b'konnessjonijiet li huwa jkun ikkummerċjalizza [21].

51. Għalhekk inqis, bħall-Kummissjoni, li din il-ġurisprudenza tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan tar-Regolament Nru 261/2004 li jikkonsisti f'li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni meta tinterpreta dan ir-regolament fis-sens li japplika *wkoll* meta t-titjira konnessa sħiħa tkun tinkludi titjira li għaliha r-Regolament ma jkunx japplika jekk din it-titjira titqies waħedha.

52. Min-naħa l-oħra, inqis, bħal din l-istituzzjoni, li ma hemmx lok li din il-ġurisprudenza tiġi applikata b'analoġija għal rotta tal-ajru li tinkludi żewġ titjiriet bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fehma tiegħi, tali applikazzjoni la tkun konformi mal-kliem u lanqas mal-għan tar-Regolament Nru 261/2004 sa fejn dan huwa diġà applikabbli għaż-żewġ titjiriet ikkunsidrati separatament u fejn din l-applikazzjoni twassal għal riżultat kuntrarju għal dak li għandu jintlaħaq mil-leġiżlatur. Fil-fatt, it-teħid inkunsiderazzjoni, f'każijiet bħal dawn, tat-titjiriet fl-intier tagħhom, billi jiġu kkunsidrati l-postijiet ta' tluq inizjali u ta' destinazzjoni finali, li t-tnejn li huma jinsabu f'pajjiż terz, jirrestrinġi l-protezzjoni mogħtija minn dan ir-regolament billi jċaħħad lill-passiġġier minn kull protezzjoni taħt l-imsemmi regolament minkejja li dawn it-titjiriet operati minn trasportatur Komunitarju għandhom punt ta' tluq jew punt ta' wasla fl-Unjoni u jaqgħu, għaldaqstant, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004.

53. Fi kliem ieħor, inqis li l-ġurisprudenza analizzata hawn fuq dwar riżervazzjoni waħda ma tistax twassal biex sitwazzjoni li hija koperta b'mod ċar mir-Regolament Nru 261/2004 [22] tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

54. Minbarra l-fatt li tali applikazzjoni b'analoġija tmur kontra l-kliem tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 261/2004, din ikollha riżultati minn tal-inqas paradossali.

55. Minn dan jirriżulta li l-kombinazzjoni ta' titjira koperta minn dan ir-regolament ma' titjira mhux koperta minnu, bħal fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi Wegener u České aerolinie kif ukoll għad-digriet KLM, tippermetti lill-passiġġier li jiġi protett għal dawn iż-żewġ titjiriet f'daqqa filwaqt li l-kombinazzjoni taż-żewġ titjiriet koperti separatament mill-imsemmi regolament, bħal fil-kawża prinċipali, twassal sabiex il-passiġġier jiġi mċaħħad totalment mill-protezzjoni.

19 Ara d-digriet KLM, punt 29.

20 Ara d-digriet KLM, punt 33.

21 Ara s-sentenza České aerolinie, punt 30 u d-digriet KLM, punt 31.

22 Jiġifieri jew taħt l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004 fil-każ tat-titjira minn Vjenna għal Bangkok; jew taħt l-Artikolu 3(1)(b) ta' dan ir-regolament, fil-każ tat-titjira minn Chisinau għal Vjenna, operata minn trasportatur Komunitarju.

56. B'mod konkret, dan jimplika li l-passiġġieri ta' titjira li għaliha ma japplikax ir-Regolament Nru 261/2004, bħall-passiġġieri tat-titjira minn Agadir għal Casablanca fil-kawża li tat lok għas-sentenza Wegener jew dawk tat-titjira minn Abu Dabi għal Bangkok fil-kawża li tat lok għas-sentenza České aerolinie, jibbenefikaw minn protezzjoni ikbar kontra l-konsegwenzi ta' kanċellazzjoni jew ta' dewmien minn dik li jibbenefikaw minnha l-passiġġieri taż-żewġ titjiriet li kull waħda minnhom taqa' taħt dan ir-regolament, bħall-passiġġieri tat-titjiriet bejn Chisinau u Vjenna u bejn Vjenna u Bangkok, f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali.

57. Inżid ngħid li mis-sentenzi Wegener u České aerolinie kif ukoll mid-digriet KLM, ma jirriżultax li titjira konnessa għandha, f'kull każ, titqies bħala titjira waħda għall-finijiet ta' kumpens skont ir-Regolament Nru 261/2004, iżda li dan jista' jkun il-każ fil-kuntest tal-konfigurazzjonijiet ta' titjiriet bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi li taw lok għal dawn is-sentenzi.

58. Fl-aħħar nett, inqis li s-sentenza Emirates Airlines [23] li tirrigwarda vjaġġ bir-ritorn timmilita favur l-interpretazzjoni li żewġ titjiriet, bħal fil-kawża prinċipali, għandhom jiġu eżaminati separatament minkejja li kienu s-suġġett ta' riżervazzjoni waħda. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-titjira 'l barra u t-titjira lura mixtrija fil-kuntest ta' riżervazzjoni waħda kellhom jiġu kkunsidrati b'mod awtonomu [24], b'tali mod li tali vjaġġ bir-ritorn ma kienx jaqa' taħt l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004. L-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza hija bbażata b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li ma jiġix ippreġudikat l-effett utli ta' din id-dispożizzjoni u li ma titnaqqasx il-protezzjoni li għandha tingħata lill-passiġġieri skont dan ir-regolament [25].

59. Għar-raġunijiet kollha preċedenti, inqis li l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ir-regolament huwa applikabbli għal rotta tal-ajru operata minn trasportatur Komunitarju li hija komposta minn żewġ titjiriet u li kienet suġġetta għal riżervazzjoni waħda, meta l-post tat-tluq inizjali u l-post tad-destinazzjoni finali jinsabu f'pajjiż terz, iżda l-post tal-wasla tal-ewwel titjira u l-post tat-tluq tat-tieni titjira jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru, b'tali mod li kull titjira meħuda separatament taqa' taħt din id-dispożizzjoni.

[23] Sentenza tal-10 ta' Lulju 2008 (C-173/07, EU:C:2008:400, punt 52).

[24] Ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Emirates Airlines (C-173/07, EU:C:2008:400, punt 51).

[25] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Emirates Airlines (C-173/07, EU:C:2008:400, punti 34 u 35).

60. Fid-dawl tar-risposta li nipproponi li tingħata għall-ewwel domanda preliminari, inqis li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar l-applikabbiltà tal-Ftehim UE-Moldova, dwar il-ħolqien ta' spazju tal-ajru komuni, għas-sitwazzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali [26].

### *B. Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħin tal-wasla skedat jew effettiv fid-destinazzjoni finali għall-finijiet tal-kumpens (it-tieni domanda preliminari)*

61. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, skont l-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004, passiġġier għandux dritt għal kumpens, meta t-titjira b'rotta differenti li jkun ġie offrut kellha effettivament tasal fid-destinazzjoni finali tagħha inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat għat-titjira kkanċellata, iżda fil-fatt, ma tkunx laħqet id-destinazzjoni finali tagħha f'dan it-terminu.

62. Essenzjalment, din id-domanda tirrigwarda l-punt dwar jekk trasportatur tal-ajru li jopera, li jkun għamel offerta ta' rotta differenti li inizjalment tissodisfa r-rekwiżiti *ratione temporis* previsti f'din id-dispożizzjoni, huwiex ukoll responsabbli għad-dewmien tat-titjira b'rotta differenti, operata minn trasportatur tal-ajru ieħor, sa fejn din it-titjira ma tibqax tissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

63. Skont l-Artikolu 5(1)(ċ) tar-Regolament Nru 261/2004, fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri għandhom dritt, bħala prinċipju, għal kumpens mit-trasportatur tal-ajru li jopera kif previst fl-Artikolu 7 tiegħu.

64. It-trasportatur tal-ajru li jopera jista' jeżenta ruħu minn dan l-obbligu ta' kumpens biss f'eċċezzjonijiet rari previsti fil-punti (i) sa (iii) tal-ewwel dispożizzjoni [27].

65. Meta, bis-saħħa tal-punt (iii) ta' din l-ewwel dispożizzjoni, il-passiġġier ikun ġie informat bil-kanċellazzjoni tat-titjira inqas minn sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat, huwa għandu jibbenefika mid-dritt għal kumpens sakemm ma jiġux issodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel, il-passiġġier għandu jirċievi offerta ta' rotta differenti li tippermettilu jitlaq

[26] Il-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-Ftehim UE-Moldova tqajmet mill-Kummissjoni mingħajr madankollu ma din tkellmet b'mod ċar f'dan ir-rigward u mingħajr ma l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija f'dan ir-rigward mill-qorti tar-rinviju. Madankollu, nosserva, sussidjarjament, li dan il-ftehim, b'differenza minn ftehimiet oħra konklużi mill-Unjoni li ser niċċita iktar 'il quddiem, ma jinkludi ebda dispożizzjoni li tistabbilixxi bħal dawn tal-aħħar li fil-każijiet kollha fejn l-atti tal-Unjoni msemmija fl-imsemmi ftehim, b'mod partikolari r-Regolament Nru 261/2004, jirreferu għall-"Istat(i) Membru/i", dawn ir-riferimenti jitqiesu li jirreferu mhux biss għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea iżda wkoll għar-Repubblika tal-Moldova. Fil-fehma tiegħi, minn dan jirriżulta li l-applikazzjoni tal-Ftehim UE-Moldova ma għandhiex il-konsegwenza li r-Repubblika tal-Moldova għandha tiġi ttrattata bħala Stat Membru. Dan l-Istat jibqa' pajjiż terz fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004. Minn dan niddeduċi li t-tluq inizjali fil-Moldova b'destinazzjoni finali fit-Tajlandja ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li t-titjira, meħuda kollha kemm hi, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Il-ftehimiet l-oħrajn konklużi mill-Unjoni jinkludu, pereżempju, il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3), kif emendat bil-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU 2007, L 221, p. 15) (ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 47(2), il-punt 8 tal-Artikolu 126(1) tal-Protokoll 1 u l-Anness XIII, kif ukoll is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Transportes Aéreos Portugueses (C-74/19, EU:C:2020:460, punt 32)), jew il-Ftehim multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta' l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea, tas-16 ta' Ottubru 2006 (ĠU 2006, L 285, p. 3, ara b'mod partikolari il-punt 3 tal-Anness II).

[27] Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Wallentin-Hermann (C-549/07, EU:C:2008:771, punt 20), u d-digriet tas-27 ta' Ġunju 2018, flightright (C-130/18, mhux ippubblikat, EU:C:2018:496, punt 14).

mhux iktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat. It-tieni, din ir-rotta differenti għandha tippermettilu *jasal fid-destinazzjoni finali tiegħu inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat* [28].

66. Il-kliem tal-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004 bħal dak tal-Artikolu 7(2) tiegħu, li jsemmi "il-ħin tal-wasla" ma jagħtix tweġiba ċara dwar il-punt jekk huwiex il-ħin tal-wasla *skedat* tat-titjira b'rotta differenti jew il-ħin tal-wasla *effettiv* ta' din tal-aħħar li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk din il-kundizzjoni hijiex issodisfatta.

67. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li għall-finijiet tal-kumpens dovut għal dewmien skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004, huwa importanti biss id-dewmien ikkonstatat meta mqabbel mal-ħin tal-wasla skedat fid-destinazzjoni finali [29].

68. B'mod aktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 2, 5 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' "ħin tal-wasla", li jintuża sabiex tiġi ddeterminata l-portata tad-dewmien li jġarrab il-passiġġieri ta' titjira, jikkorrispondi għall-ħin meta jinfetaħ mill-inqas bieb wieħed tal-ajruplan, dment li f'dan il-mument, il-passiġġieri jiġu awtorizzati joħorġu mill-ajruplan [30] u għalhekk jindika l-mument li fih l-ajruplan ikun effettivament wasal fl-ajruport tad-destinazzjoni.

69. Barra minn hekk, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tat dritt għal kumpens lill-passiġġier skont l-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004 billi ħadet inkunsiderazzjoni l-ħin li fih niżel l-ajruplan tat-titjira b'rotta differenti, u għalhekk il-ħin tal-wasla effettiv tiegħu fid-destinazzjoni finali [31].

70. Minn dan nikkonkludi li meta titjira b'rotta differenti tkun effettivament waslet fid-destinazzjoni finali tagħha b'dewmien ta' iktar minn sagħtejn meta mqabbel mal-ħin tal-wasla skedat tat-titjira rriżervata inizjalment, bħat-titjira inkwistjoni li ġarrbet dewmien ta' sagħtejn u 27 minuta, it-tieni kundizzjoni prevista fl-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004 ma hijiex issodisfatta fiċ-ċirkustanzi tal-każ, b'tali mod li l-passiġġier ikkonċernat għandu jkollu dritt għall-kumpens previst fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament.

71. Minn naħa, bħall-Kummissjoni, inqis li din l-interpretazzjoni hija l-unika waħda adegwata għall-għan tar-Regolament Nru 261/2004 li jiġi rrimedjat id-dannu kkawżat *in fine* lill-passiġġier bid-dewmien, li jikkonsisti f'telf ta' ħin li huwa ta' natura irreversibbli [32].

72. Peress li l-inkonvenjent li jinħoloq minn dan it-telf ta' ħin irrimedjabbli fil-kuntest ta' titjira b'konnessjonijiet jimmaterjalizza ruħu biss mal-wasla tal-passiġġier fid-destinazzjoni finali tiegħu [33], id-dewmien tat-titjira b'rotta differenti jista' jiġi evalwat biss fir-rigward tal-ħin tal-wasla effettiv ta' din tal-aħħar.

[28] Nippreċiża li l-"ħin tal-wasla skedat" imsemmi f'dan il-punt (iii) jirreferi għall-ħin tal-wasla skedat tat-titjira rriżervata *inizjalment*.

[29] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Folkerts (C-11/11, EU:C:2013:106, punt 35). It-terminu "kkonstatat" użat mill-Qorti tal-Ġustizzja juri n-natura effettiva tal-ħin li fih il-passiġġier ikun wasal, fil-fatt, fid-destinazzjoni finali tiegħu.

[30] Ara s-sentenzi tal-4 ta' Settembru 2014, Germanwings (C-452/13, EU:C:2014:2141, punt 27), u d-digriet tal-1 ta' Ottubru 2020, FP Passenger Service (C-654/19, EU:C:2020:770, punti 28 u 29).

[31] Ara d-digriet tas-27 ta' Ġunju 2018, flightright (C-130/18, mhux ippubblikat, EU:C:2018:496, punti 6 sa 8 u 23). Il-fatti tal-kawża li tat lok għal dan id-digriet ma jippermettux li jiġi ddeterminat jekk il-ħin tal-wasla effettiv kienx identiku għall-ħin tal-wasla skedat tat-titjira b'rotta differenti. Madankollu, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-ħin tal-inżul huwa indizju sinjifikattiv ħafna.

[32] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, punt 52), u tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson *et* (C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, punt 48).

[33] Ara s-sentenza Wegener, punt 16.

73. Min-naħa l-oħra, tali interpretazzjoni ma tistax titqiegħed inkwistjoni mill-fatt li t-trasportatur tal-ajru li jopera għamel offerta ta' rotta differenti, li, fuq il-karta, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet *ratione temporis* meħtieġa għal tali rotta differenti.

74. Fil-fatt, ċertament, il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004 li t-trasportatur tal-ajru li jopera għandu joffrilhom "rotta differenti, li tħallihom [...] jaslu" fid-destinazzjoni finali tagħhom tista' tfisser li ladarba offerta ta' rotta differenti li tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fiha tkun ġiet aċċettata mill-passiġġier ikkonċernat, l-eżekuzzjoni t-tajba tar-rotta differenti ma taqax taħt ir-responsabbiltà ta' dan it-trasportatur.

75. Madankollu, bil-għan li jitnaqqsu d-diffikultajiet u l-inkonvenjenzi serji[34] kkawżati mill-kanċellazzjoni ta' titjira, id-dispożizzjonijiet li jagħtu drittijiet lill-passiġġieri tal-ajru għandhom jiġu interpretati f'sens wiesa'[35].

76. F'dan ir-rigward, jirriżulta, qabel kollox, mill-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004, moqri flimkien mal-premessi 12 u 13 tiegħu, li dan it-trasportatur tal-ajru li jopera jista' jeżenta ruħu mill-obbligu tiegħu ta' kumpens biss jekk dan ikun *implimenta* l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jipprovdi rotta differenti raġonevoli, sodisfaċenti u fl-iqsar żmien possibbli[36].

77. Barra minn hekk, l-obbligu ta' kumpens għandu effetti ta' inċentiv fuq it-trasportatur tal-ajru li jopera li jimplika li d-dritt għal rotta differenti tal-passiġġier għandu jkun suġġett għal implimentazzjoni effettiva inkella dan id-dritt ikun f'riskju li jiġi kompromess[37].

78. Minn dan jirriżulta, fil-fehma tiegħi, li t-trasportatur tal-ajru li jopera li għandu joffri rotta differenti lill-passiġġier għandu jiżgura l-eżekuzzjoni t-tajba ta' din l-offerta b'mod li dan il-passiġġier effettivament jilħaq id-destinazzjoni finali tiegħu f'kundizzjonijiet, li jlaħħqu mal-iskedi, paragunabbli ma' dawk tat-titjira kkanċellata.

79. Sussegwentement, din l-implimentazzjoni effettiva tar-rotta differenti tirriżulta fl-opinjoni tiegħi, b'mod impliċitu, min-natura kuntrattwali tar-rabta li tgħaqqad lill-passiġġier mat-trasportatur tal-ajru li jopera fid-dawl tad-definizzjoni ta' dan l-aħħar kunċett li jinsab fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament Nru 261/2004. Fil-fatt, il-konklużjoni ta' kuntratt bejn dawn il-partijiet hija l-garanzija għall-passiġġieri li huma jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom skont il-ħin skedat[38].

80. Għalhekk, meta, bis-saħħa tat-tieni sentenza tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 261/2004, trasportatur tal-ajru li jopera li ma jkunx ikkonkluda kuntratt mal-passiġġier ikkonċernat iwettaq obbligi li jirriżultaw minn dan ir-regolament, huwa *jitqies li jkun qed jaġixxi f'isem il-persuna li tkun ikkonkludiet il-kuntratt ma' dan il-passiġġier*. Dan ifisser, f'dan il-każ, li t-trasportatur tal-ajru li jopera li wettaq it-titjira differenti jitqies li qiegħed jaġixxi f'isem Austrian Airlines li fdalu t-twettiq ta' din it-titjira differenti.

34 Ara l-premessa 2 tar-Regolament Nru 261/2004 u s-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, Finnair (C-832/18, EU:C:2020:204, punt 30).

35 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, punti 44 u 45), kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2008, Wallentin-Hermann (C-549/07, EU:C:2008:771, punt 17). Ara wkoll, f'dan is-sens, l-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi l-passiġġieri tal-ajru, is-sentenza tat-23 ta' Marzu 2021, Airhelp (C-28/20, EU:C:2021:226, punt 50).

36 Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Transportes Aéreos Portugueses (C-74/19, EU:C:2020:460, punti 58 u 59).

37 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, Finnair (C-832/18, EU:C:2020:204, punt 32).

38 Ara, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tal-11 ta' April 2011 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet (COM(2011) 174 final, p. 8).

81. Din is-soluzzjoni tippermetti għalhekk li jiġi evitat li t-trasportatur tal-ajru li miegħu l-passiġġier ikun ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport jinħeba wara t-trasportatur tal-ajru li wassal għall-eżekuzzjoni ħażina tat-titjira b'rotta differenti [39].

82. Fl-aħħar nett, ma jidhirx irraġonevoli li l-obbligi previsti mir-Regolament Nru 261/2004 jiġu sostnuti mit-trasportaturi tal-ajru li magħhom il-passiġġieri kkonċernati jkunu marbuta b'kuntratt ta' trasport peress li dan tal-aħħar jagħtihom dritt għal titjira li la għandha tiġi kkanċellata u lanqas imdewma [40], u dan bla ħsara għal dawn it-trasportaturi li jiksbu tnaqqis fil-qasam tal-kumpens [41] jew li jitolbu kumpens mingħand kull persuna li tkun ikkawżat id-dewmien [42].

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li rotta differenti offruta mit-trasportatur tal-ajru li jkun ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport mal-passiġġier għandha tiġi mwettqa b'mod effettiv minn dan tal-aħħar b'tali mod li passiġġier ikollu dritt għal kumpens skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 261/2004, meta l-ħin tal-wasla effettiv ta' din ir-rotta differenti fid-destinazzjoni finali tagħha jeċċedi b'iktar minn sagħtejn il-ħin tal-wasla skedat tat-titjira rriżervata inizjalment.

## V. Konklużjoni

84. Fid-dawl tal-analiżi preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi magħmula mil-Landesgericht Korneuburg (il-Qorti Reġjonali ta' Korneuburg, l-Awstrija) bil-mod kif ġej:

1) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ir-regolament huwa applikabbli għal rotta tal-ajru operata minn trasportatur Komunitarju li tkun komposta minn żewġ titjiriet u li kienet is-suġġett ta' riżervazzjoni waħda, meta l-post tat-tluq inizjali u l-post tad-destinazzjoni finali jkunu jinsabu f'pajjiż terz, iżda l-post tal-wasla tal-ewwel titjira u l-post tat-tluq tat-tieni titjira jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru, b'tali mod li kull titjira kkunsidrata separatament taqa' taħt din id-dispożizzjoni.

2) L-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li rotta differenti offruta mit-trasportatur tal-ajru li jkun ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport mal-passiġġier għandha tiġi mwettqa b'mod effettiv minn dan tal-aħħar b'tali mod li passiġġier ikollu dritt għal kumpens skont l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, meta l-ħin tal-wasla effettiv ta' din ir-rotta differenti fid-destinazzjoni finali tagħha jeċċedi b'iktar minn sagħtejn il-ħin tal-wasla skedat tat-titjira rriżervata inizjalment.

[39] Ara, b'analoġija, fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiviżjoni bejn żewġ trasportaturi tal-ajru li joperaw, is-sentenza České aerolinie, punti 27, 29 u 30, u d-digriet KLM, punti 29 sa 31.

[40] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, punt 68), kif ukoll tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson *et* (C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, punt 80).

[41] Ara l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 261/2004.

[42] Ara l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 261/2004 li bis-saħħa tiegħu operatur bħal Austrian Airlines jista' jitlob kumpens mit-trasportatur tal-ajru li jopera li kkawża d-dewmien tat-titjira b'rotta differenti.